MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 834/2004

**Joseph u Sandra konjugi Cassar**
**vs**
**Lawrence u Melvin Castagna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' April, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmu (Lm384.10)u fejn intqal illi l-konvenuti diga gew ikkundannati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli volontarjament hassru hwejjeg a detriment tal-atturi. Il-konvenuti qatt mghamlu tajjeb ghad-danni ikkawzati minnhom u minflok baqghu inadempjenti nonostante diversi interpellanzi mill-atturi.**
**Il-konvenuti huma minn issa ingunti in subizzjoni bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-28 ta' April, 2004 fejn intqal illi fl-ewwel lok il-proceduri kriminali huma proceduri ghall kollox separati u mghandhomx konnessjoni mal-proceduri civili.**
**Illi il-konvenuti ma kienux unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda l-attur stess ikkontribwixxa ghall-istess.**
**Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz hu esagerat.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Cassar, Emanuel Micallef, Lawrence Castagna u Philip zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-attur qed iffittex ghal hsarat volonarji li sarulu mill-konvenuti.**
**2. In sostenn tat-tezi tieghu hu esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-gudikatura Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet Pulizija Spettur Walter Spiteri vs Lawrence Castagna u Melvin Castagna, deciza mill-Magistrat Carol Peralta fil-21 ta' Jannar, 2003. F'dak il-kaz irrizulta illi fit-28 ta' Ottubru, 2000, il-konvenuti kienu ghamlu hsara fuq hwejjeg mobbli a detriment ta' Joseph Cassar. B'ebda mod ma hemm indikat l-entita` tal-hsara jew fuq x'hiex saret.**
**3. Joseph Cassar spjega illi l-konvenuti kienu hebbew ghalih u ghamlulu hsara fil-vettura tieghu. Hu esebixxa rendikont tad-danni, Dok.JC2, fis-somma ta' tlett mija u erbgha u tmenin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm384.10).**
**4. Skond survey report, Dok.JC3, li sar minn Philip Zammit, il-hsarat kienu jikkonsistu fis-segwenti : « ……badly dented right side door skin, broken door handle and door window weather strip. » L-istess surveyor ivvaluta id-danni fis-somma ta' mija u hames liri Maltin, eskluzi l-parts, il-kera ta' karrozza, u hlas ta' survey report. L-istess Philip Zammit jikkonferma s-survey esebit.**

**5. Il-konvenut Lawrence Castagna jichad li ghamlu hsara volontarja fil-vettura tal-attur, u jghid li kien l-attur li dahal fihom. Jekk wiehed jara l-istqarrijiet tal-partijiet fir-road accident report, jirrizulta li kien hemm hsarat li graw rezultat tal-kollizzjoni, u hsarat ohra li graw volontarjament mill-konvenuti meta hebbew ghall-attur. Fl-istess road accident report, fl-istqarrija tieghu l-attur jghid li hu intlaqat mill-vettura tal-konvenuti fil-parti ta' wara tax-xellug tal-bumper. Ma jirrizultax li d-danni fil-bieba kienu rizultat tal-kollizzjoni izda graw meta kif jghid hu : « two men came out of car HAD784 and started hitting hiom and his car. »**

**6. Pero` t-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li f'dan il-kaz, il-kawza kif imposta, tirrigwarda danni li sehhu volontarjament. Ghalhekk hawn wiehed irid jiddistingwi bejn il-kollizjoni ut sic, u danni volontarji li ghamlu l-konvenuti.**

**7. Ghalhekk jirrizulta li d-danni ma graw minhabba att volontarju da parti tal-konvenuti. Jirrizulta li dawna tassew ikkawzaw id- danni.**

**8. Dwar l-ammont tad-danni, it-Tribunal mhux qed jaqbel mas-segwenti : hamsa u sebghin lira (Lm75.00) spejjez legali li ma jirrizultawx, filwaqt li erbghin lira (Lm40.00) ghall-survey report huwa wkoll ammont esagerat apparti li ma hemmx prova li dawn thallsu. Ghalhekk dawn l-ammonti ghandhom jitnaqqsu mit-total. Ghalhekk jigi li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10).**

**Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa t-talba attrici limitatament fis-somma imsemmija ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm309.10) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, b'dana pero` li l-ispejjez tad-decizjoni in parte tas-17 ta' Marzu, 2006 ikunu a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------